MINUTI

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali taż-Żejtun**

ŻEJTUN
Citta` Beland

Frott iż-Żebbuġ Ismi

**Laqgħa Nru. 09/17**

| | |
|---|---|
| Data: | 23 ta' Ottubru 2017 |
| **Ħin:** | 7:00pm |
| Post: | Sala Mikiel Cachia, 'Dar iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, iż-Żejtun |

| | |
|---|---|
| **Preżenti** | Joe Attard - Sindku<br>Maria Dolores Abela - Viċi-Sindku<br>Amanda Abela - Kunsilliera<br>Claude Camilleri - Kunsillier<br>Joan Agius - Kunsilliera (mis-7:07pm)<br>Raymond Caruana - Kunsillier<br>Sean Chircop - Kunsillier<br>Anton Falzon - Segretarju Eżekuttiv<br>Angelo Caruana - Assistent Prinċipali |
| **Skużati** | Joseph Hales - Kunsillier<br>Stephanie Fenech - Kunsilliera<br>Laura Caruana - L-Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ |

## AĠENDA

| | |
|---|---|
| 09.01 | **Qari tal-ittri ta' apoloġiji** |
| 09.02 | Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti |
| 09.03 | Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza |
| 09.04 | **Tweġibiet għal mistoqsijiet tal-Kunsilliera** |
| 09.05 | **Triq Marsaxlokk u toroq / sqaqin oħra** |
| 09.06 | **Proġett ta' Misraħ ir-Reppublika** |
| 09.07 | Attivitajiet tal-Milied |
| 09.08 | Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti |
| 09.09 | **Affarijiet oħra; u** |
| 09.10 | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** |

09. 1. **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

| Riferenza | Rif | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 09. 1. 1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv | Informa li Fenech ma setatx tattendi għal laqgħa minħabba impenji fl-istudji tagħha (imejl annessa) | |

09. 2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

| Riferenza | Rif | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 09. 2. 1 | | Proponent: Abela<br>Sekondant: Chircop | Il-Minuti 08/17 inqraw u ġew approvati nem.con. b'dawn il-korrezzjonijiet. | |
| 09. 2. 2 | 08.11.08 | Viċi-Sindku | Għandha taqra li ma kienx hemm qbil u għandha tinstab soluzzjoni oħra. | |
| 09. 2. 4 | | **Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv** | | |

09. 2. Rapporti mill-Minuti

| Riferenza | Rif | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 09 02 05 | 08.02.05 | Chircop: Zebra Crossing Triq Dun Lawrenz Degabriele | Chircop staqsa dwar x'se jiġri dwar dan. Is-Segretarju Eżekuttiv qali li qed nistennew risposta minn TM biex tiġi rilokata. | Hales |
| 09 02 06 | 08.02.08 | Caruana: Bins tal-klieb | Caruana staqsa meta ser jitwaħħlu. | |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 09 | 02 | 07 | 08.03.02 | Agius: Inizjattiva dwar restawr ta' postijiet Storiċi | Agius staqsiet fhiex wasalna dwar dan ir-restawr. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li ser isir xogħol b'urġenza fi travetti u s-saqaf minħabba l-ħsara. Applikajna wkoll sabiex jiġi restawrati il-ħitan ta' man-niċċa fi Triq Marsaxlokk. | Segretarju Eżekuttiv |
| 09 | 02 | 08 | 08.03.03 | Agius: Devoluzzjoni ta' Ġnien iż-Żgħożija | Agius staqsiet fiex waslet. Is-Segratarju Eżekuttiv spjega li hemm klawżola fil-kuntratt dwar dħul li jsir jrid jgħaddi parti minnhu lill-Lands. Dwar dan ser nippruvaw li din titneħħa. | Segretarju Eżekuttiv |
| 09 | 02 | 09 | 08.06.01 | Agius: Manutenzjoni tal-Binjiet tal-Kunsill | Agius faħret ix-xogħol li sar sabiex ma tibqax issir ħsara fuq il-binja tal-Kunsill. | Segretarju Eżekuttiv |
| 09 | 02 | 10 | 08.07.01 | Agius: Żejt iż-Żejtun | Agius qalet li għal sena oħra kienet suċċess. Irringrazzjat lil dawk kollha li taw is-sehem tagħhom. Is-Sindku qal li sfortunatament l-għaqdiet qed jarawha biss sors ta' kummerċ u ma jiġix apprezzat ix-xogħol li jsir. Sean qal li kien hemm inċident u l-ambulanza damet ma' ġiet. Is-Segretarju Eżekuttiv talab li mis-sena d-dieħla jrid isir Risk Assessment. Caruana qal li l-każini ħallsu l-istess ammont pero s-Sindku spjega li l-posti mhumiex l-istess għalhekk din id-differenza. Agius qalet li dan diġa tkellmitu mal-għaqdiet. | Agius |
| 09 | 02 | 11 | 08.08.02 | Caruana: Restawr Fanali tat-toroq | Caruana staqsa dwar ir-restawr. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li ttieħdu r-ritratti u qal li l-perit biex jagħmel stima tax-xogħol. Ser naraw kemm ser tkun l-ispiża. | Segretarju Eżekuttiv |
| 09 | 02 | 12 | 08.11.01 | Chircop: Wirjiet f'Żejt iż-Żejtun | Chircop qal li l-wirjiet saru u kienu suċċess. Is-cd ser tinħareġ fl-1 ta' Novembru u ser tiswa lill-Kunsill €2.20 kull waħda. | Chircop |
| 09 | 02 | 13 | 08.11.04 | Chircop: Malta International Organ Festival | Chircop informa li l-Kunsill mhux ser jieħu sehem fil-Malta International Organ Festival. | Chircop |
| 09 | 02 | 14 | 08.11.07 | Viċi-Sindku: Triq Alfredo Cachia | Il-Viċi-Sindku talbet iktar informazzjoni dwar ix-xogħol. Is-Sindku qal li beda x-xogħol fuq il-bankini n-naħa ta' San Klement. Is-Segretarju Eżekuttiv kompla jispjega dwar il-maniġjar tat-traffiku fit-toroq tal-madwar u li l-wires li qed jaqsmu t-triq, ser jitniżżlu taħt l-art minn bl-ispiża tħallasha TM. | Segretarju Eżekuttiv |
| 09 | 02 | 15 | 08.11.08 | Viċi-Sindku: Triq Nikola Attard | Il-Viċi-Sindku reġgħat qajmet dil-kwistjoni u kien hemm diskussjoni dwahra. Kien hemm suġġeriment li ssir ħadida bl-għoli permessibbli fit-tarf tat-triq. Ser issir talba lil-TM sabiex jinġab il-permess. | Hales |

09 3 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML09/17. B'riferenza għal:

| Riferenza | | | Rif | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 09 | 03 | 01 | 16 | TM: One Way Triq Dun Spir Grixti | Il-Viċi-Sindku staqsiet dwar dan. Kien hemm diskussjoni dwar dan u l-Kunsill ma jħossx il-ħtieġa li ssir one way għax jinħoloq konvinjent għar-residenti. | Hales |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 09 | 03 | 02 | 27 | Tony Abela: Ħsarat fil-vettura | Il-Kunsill iddiskuta dan u qabel li għandu jġib ir-rapport dwar il-ħsara li saret u naraw ta' min hi r-responsabilta'. | Hales |
| 09 | 03 | 03 | 29 | Annalise Calleja: Live web cam | Chircop qal li tkellmet miegħu dwar fejn jistgħu jiġu nstallati. Ġie suġġerit li jsiru Misraħ Karlu Diacono, Misraħ Gregorio Bonici u San Girgor. | Chircop |
| 09. | 4. | | | **Tweġibiet għal mistoqsijiet tal-Kunsilliera** | | |
| Riferenza | | | Rif | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | Inkarigat |
| 09. | 5. | | | **Triq Marsaxlokk u toroq / sqaqin oħra** | | |
| Riferenza | | | Rif | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | Inkarigat |
| 09 | 05 | 01 | | Sindku: Triq Marsaxlokk | Is-Sindku informa lill-Kunsill li x-xogħol f'din it-triq tlesta. Il-Viċi-Sindku qalet li għandna ninfurmaw lir-residenti li hemm il-ħsieb li din issir one way . | Sindku |
| 09 | 05 | 02 | | Sindku: Sqaqin | Is-Sindku qal li applikajna sabiex isiru s-sqaqin Sant Isidoru, San Feliċ u San Alfons, Sqaq fi Triq San Mikiel. | Sindku |
| 09. | 6. | | | **Proġett ta' Misraħ ir-Reppublika** | | |
| Riferenza | | | Rif | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | Inkarigat |
| 09 | 6 | 01 | | Sindku: Proġett Misraħ ir-Repubblika | Is-Sindku qal li t-tender għalqet, pero x-xogħol wieqaf peress li l-ebda waħda minnhom ma tissodisfa l-kriterji mitluba. | |
| 09. | 7. | | | Attivitajiet tal-Milied | | |
| Riferenza | | | Rif | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | Inkarigat |
| 09 | 7 | 01 | | Sindku: Tiżjin | Is-Sindku staqsa dwar l-armar. Is-Segretarju qal li għandna kuntratt għal tlett snin u għandu jixgħel fit-8 ta' Diċembru u jdum sas-6 ta' Jannar. | Segretarju Eżekuttiv |
| 09 | 7 | 02 | | Riċeviment tal-Milied | Ġie maqbul li r-riċeviment tal-Milied għandu jsir fil-21 ta' Diċembru. | Segretarju Eżekuttiv |
| 09. | 8. | | | Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti | | |
| Riferenza | | | Rif | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | Inkarigat |
| 09 | 8 | 01 | | Tabella tal-Ħlasijiet 09/17 | Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill. | |
| 09 | 8 | 02 | | Talbiet għal Xiri Seduta 09/17 | Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi. | Segretarju Eżekuttiv |
| 09 | 8 | 03 | | Petty Cash - Settembru 2017 | Il-Kunsill approva nem.con. il-petty cash li ntefaq fix-xahar ta' Settembru hekk kif preżentat. Dawn kienu jammontaw għal €78.64. | Segretarju Eżekuttiv |
| 09 | 8 | 04 | | | Ġew approvati wkoll li jitħallsu żewġ pagamenti ta' €1640.29 lill-Pulizija ta' Żejt iż-Żejtun kif ukoll lil Rachel Grima li jammonta għal €480.00 | |
| 09 | 9 | | | **Affarijiet oħra; u** | | |
| Riferenza | | | Rif | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċizjoni** | Inkarigat |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 09 | 9 | 01 | Viċi-Sindku: Sorveljanza dwar l-iskart li qed jintrema | Tqajjem il-punt li hemm bżonn issir iktar sorveljanza dwar l-iskart li qed jinħareġ illegalment. Il-Viċi-Sindku qalet li l-aħjar tittella nota fuq il-paġna tal-Facebook u l-website, li l-Kunsill ser ikun qed jinforza l-liġijiet eżistenti dwar l-iskart. Sar qbil ukoll li għandu jinkiteb, li min ser jikser il-liġi ser jiġi mħarrek. Agius qalet ukoll li hemm il-ħsieb li ssir kampanja edukattiva fuq ir-radju dwar dan. | Chircop / Agius |
| 09 | 9 | 02 | Segretarju Eżekuttiv: Tenders | Is-Segretarju Eżekuttiv spjega t-tenders li kellna. Dik dwar il-ħitan tas-sejjiegħ qal li daħlu 4 offerti li jvarjaw ħafna fil-prezz. Dik dwar tisbiħ ta' Ġnien San Girgor kien hemm offerta waħda pero jista' jkun li invalida. Dwar il-bdil tal-bandli, kellna 3 offerti. Dawn ser jiġu aġġudikati fil-jien li ġejjien. | Segretarju Eżekuttiv |
| 09 | 9 | 03 | Abela: Triq il-President Anton Buttigieg | Abela staqsiet dwar jekk tistax issir speed camera. Sindku qal li għandna nerġgħu infakkruhom fil-periklu li hemm. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ser terġa ssir talba dwar dan. | Segretarju Eżekuttiv |
| 09 | 9 | 04 | Chircop: Trick or Treat b'differenza | Chircop qal li ser terġa ssir din l-attivita' fil-31 ta' Ottubru fejn ser jinġabru prodotti tal-ikel b'risq it-tfal ta' Sliema Crèche u l-FoodBank. | Chircop |
| 09 | 9 | 05 | Chircop: Sehem fil-fiera tal-Gruppi taż-Żgħażagħ | Chircop qal li l-Grupp ŻOEY ser jieħu sehem fil-fiera li ser issir fit-23 u l-24 ta' Novembru fil-Higher Secondary n-Naxxar. Ser jaċċettaw ukoll studenti li jkunu jixtiequ jagħmlu l-proġett tas-System of Knowledge mal-grupp. | Chircop |
| 09 | 9 | 06 | Chircop: Kunċert tal-Milied | Chircop informa l-Kunsill li l-Kunċert tal-Miled ser isir fit-30 ta' Diċembru fis-7:30pm u ser jiġu mistiedna l-Joy Gospel Choir. | Chircop |
| 09 | 9 | 07 | Chircop: Tiżjin u Kompetizzjoni | Ser terġa ssir l-kompetizzjoni tal-aqwa tiżjin kif ukoll jingħata t-trofew Karlu Diacono lill-aqwa bandisti. | Chircop |
| 09 | 9 | 08 | Chircop: Problemi dwar permessi ta' xogħolijiet | Chircop ġibed l-attenzjoni li qed issir ħsara fit-toroq meta jsiru xogħolijiet. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li qed issir spezzjoni u fejn ninnutaw ħsara qed jinżamm id-depożitu u l-kuntrattur irid isewwi l-ħsara. | Segretarju Eżekuttiv |
| 09 | 9 | 09 | Chircop: Vandaliżmu fi Ġnien iż-Żgħożija | Chircop qal li qed isir vandaliżmu u ppropona li jsiru kameras. Is-Segretarju Eżekuttiv irrisponda li nistgħu inġibu kwotazzjoni sabiex jiġu nstallati. | Segretarju Eżekuttiv |
| 09 | 9 | 10 | Caruana: Wesgħat l-Inġiniera | Caruana staqsa meta ser jibda x-xogħol fuq din il-wesgħa. Is-Sindku qal li dan jibda hekk kif jitlesta x-xogħol fil-Wesgħa 5 t'Ottubru. | Sindku |
| 09 | 9 | 11 | Caruana: Notice Board | Caruana qal li hemm bżonn titkabbar in-notice board li tinsab fi Vjal il-25 ta' Novembru ħdejn l-HSBC. Kien hemm qbil li din tinbidel. | Segretarju Eżekuttiv |
| 09 | 9 | 12 | Camilleri: Pavimentar fi Blokk O f'Ħal Tmin | Camilleri staqsa jekk hux possibli li jsir ix-xogħol ta' pavimentar fid-daħla ta' din il-blokka. | Sindku |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 09 | 9 | 13 | Agius: Attivita' tal-Komunita' | Agius informat lill-Kunsill li hija x-xewqa tal-President ta' Malta li għal Diċembru ssir attivita' bħala komunita' b'risq il-MCCF. Agius ser tieħu ħsieb li ssir din l-attivita'. | Agius |
| 09 | 9 | 14 | Agius: Ħarġa l-Petting Farm | Agius qalet li l-ħarġa saret u kienet suċċess | Agius |
| 09 | 9 | 15 | Agius: Tilqima | Agius fakkret li nhar l-Erbgħa, 25 ta' Ottubru jagħlqu l-applikazzjonijiet sabiex wieħed jinkiteb għal tilqima. | Agius |
| 09 | 9 | 16 | Agius: Halloween Kids Club | Agius informat li fid-29 ta' Ottubru ser issir l-attivita' tal-Kids Club fejn it-tfal se jżuru l-anzjani u wara jduru l-Qasam tad-Djar ta' San Girgor għal Trick or Treat. | Agius |
| 09 | 9 | 17 | Agius: Pantomima tal-Milied | Agius informat lill-Kunsill li ser titella Pantomima miż-Żejtun Kids Club, bl-isem ta' Is-Super Saħħar ta-OZ fis-Sala Ġużeppina Curmi bejn is-27 u d-29 ta' Diċembru. | Agius |
| 09 | 9 | 18 | Viċi-Sindku: Jum Dinji Persuni b'Diżabilita' | Informat lill-Kunsill li ser issir l-attivita' fl-4 ta' Diċembru. Ser issir fil-parroċċa u wara jsir reżiċeviment fl-oratorju. | Viċi-Sindku |
| 09 | 10 | | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** | | |
| Riferenza | | Rif | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċizjoni** | Inkarigat |

Is-Sindku għalaq il-laqgħa fid-9:05pm. Laqgħa oħra ser issir nhar it-Tlieta, 28 ta' Novembru fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Żejtun fis-6.00pm.

IFFIRMATA

Maria Dolores Abela
Sindku

IFFIRMATA

Anton Falzon
Segretarju Eżekuttiv